**Musbieħ bi ftila qasira**

Intefa' bil-mod musbieħ hekk speċjali
Intefa' sakemm seħħlu jintemm xej' xej,
Bħal fjura kollha ġmiel mingħajr petali
Donnu jrid jurina kemm iż-żmien għaddej.

Imma anki jekk il-musbieħ iss'intefa
Żgur li se jibqa' jixgħel f'qalb bosta nies,
Għax b'dawlu tgħidx kemm dawwal, qatt ma ntrefa
Imħabbtu li ma tintemmx hi mingħajr qjies.

Dal-musbieħ, b'ħafna għaqal li l-Mulej tah,
Għaraf jgħaddas lilu nnifsu f'żejt iż-żmien,
Biex dawlu jidħol fir-ruħ li hi lsiera

Bis-skiet tiegħu minkejja li kulħadd rah
Seħħlu jwassal il-messaġġ ma' kullimkien,
L-imħabba, f'musbieħ bi ftila qasira.

Patri Mario Attard OFM Cap
14 t'Ottubru 2023

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.